REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/141

tad-29 ta' Jannar 2025

li jagħmel importazzjonijiet ta' viti bla rjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' viti bla rjus li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(2) Dan il-bidu segwa lment ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2024 mill-Istitut Ewropew tal-Elementi tal-Irbit Industrijali ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw iktar minn 25 % tal- produzzjoni totali tal-Unjoni tal-viti bla rjus.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(3) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa viti u boltijiet, kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom, bla rjus, tal-ħadid jew tal-azzar għajr l-azzar inossidabbli, kif ukoll jekk le, irrispettivament mis-saħħa tensili, eskluži coach screws u viti oħra tal-injam, ganċijiet bil-kamin u ċrieki bil-kamin, viti self-tapping, u viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji tal-ferrovija, li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM 7318 15 42 u 7318 15 48 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott li qed jiġi investigat").

2. REĠISTRAZZJONI

(4) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jsiru soġġetti għal reġistrazzjoni bl-għan li jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa, jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

(5) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji se jiġu vvalutati fir-regolament li jimponi dazji definittivi, jekk ikun hemm.

(6) Kull obbligazzjoni fil-futur tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping.

(7) Il-kalkoli forniti fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 100 % u 150 % u livell medju ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' bejn 150 % u 214 % għall-prodott ikkonċernat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023. L-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli normalment jiġi stabbilit fl-aktar livell baxx ta' dawk iż-żewġ livelli f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/6209, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6209/oj.

(8) Madankollu, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħti stima tal-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli. Għalhekk, l-ammonti msemmija fl-ilment huma biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jistgħux joħolqu aspettattivi dwar il-livell attwali ta' obbligazzjoni li se jiġi stabbilit bħala riżultat tal-investigazzjoni.

3. **IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI**

(9) Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, li jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' viti u boltijiet, kemm jekk bl-iskorfini u l-woxers tagħhom, bla rjus, tal-ħadid jew tal-azzar għajr l-azzar inossidabbli, kif ukoll jekk le, irrispettivament mis-saħħa tensili, esklużi coach screws u viti oħra tal-injam, ganċijiet bil-kamin u ċrieki bil-kamin, viti self-tapping, u viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji tal-ferrovija, li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM 7318 15 42 u 7318 15 48 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).